**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

MAĠISTRAT DR. ANN MARIE THAKE
LL.B., Adv. LL.M., LL.D

Illum, 17 ta' April 2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elisia Scicluna)**
**vs**
**Abd Uarahman Alghaze**
**Ahmad Alghazi**

Każ. nru. 698/2022 AMT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Abd Uarahman Alghaze**, iben Khalil u Khatun nee` Alhussin, imwieled is-Sirja nhar l-1 ta' Mejju 1981 u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 0206213L u **Ahmad Alghazi**, iben Khalil u Khatun nee` Alhussin, imwieled is-Sirja nhar it-2 ta' Jannar 1995 u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 0115958A.

Akkużati talli nhar il-25 ta' Novembru 2022 għall-ħabta ta' bejn is-sitta u nofs ta' filgħaxija (18:30) u s-sebgħa ta' filgħaxija (19:00) ġewwa Triq il-Kbira San Ġuzepp, Ħamrun, Malta.

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu l-ħajja ta' Ahmad Yassine (ID: 241807L) f'periklu ċar, ikkaġunaw ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Ahmad Yassine, liema offiża hija ta' natura gravi per durata skont kif iċċertifikata t-tabib Dr. Winston Bartolo tal-Isptar Mater Dei;
2. Inġurjaw jew heddew, jew għamlu offiża fuq il-persuna ta' persuna nkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku u ċioe PC51 Mohammed Ramy Mohammed Shurrab, waqt li kien qiegħed jagħmel jew minħabba li kien qiegħed jagħmel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħuh jew jinfluwixxu fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
3. Attakkaw jew għamlu resistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta' PC51 Mohammed Ramy Mohammed Shurrab, persuna nkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien qed jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skont il-liġi minn Awtorita kompetenti;

4. Mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu il-ħajja ta’ PC5 Mohammed Ramy Mohammed Shurrab ikkaġunaw ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta’ PC51 Mohammed Ramy Mohammed Shurrab, liema offiża hija ta’ natura ħafifa, skont kif iċċertifika t-tabib Dr. Nichole Zerafa mic-ċentru tas-saħħa Floriana
5. Ħebbew għal Ahmad Yassine sabiex jinġurjawh, iddejquh, jew jagħmlulu ħsara b’xi mod;
6. Kif wkoll talli fl-istess ċirkostanzi volontarjament kisru l-bon ordni u paċi pubblika.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f’każ ta’ ħtija:

i. Titratta ma’ Abd Uarahman Alghaze li hu reċediv b’sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu;
ii. Minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mill-liġi, jekk jidrilha xieraq tipprovdi għas-sigurta ta’ PC51 Mohammed Ramy Mohammed Shurrab u Ahmad Yassine jew individwi oħra biex tinżamm l-ordni pubblika, jew għall-iskop ta’ protezzjoni tagħhom minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża ta’ vjolenza;
iii. Minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-liġi, jekk jidrilha xieraq tipprovdi għas-sigurta ta’ PC51 Mohammed Ramy Mohammed u Ahmad Yassine billi tagħmel Ordni ta’ Trażżin fil-konfront tal-imputati;
iv. Minbarra li tapplika l-piena stabbilita mill-liġi, tordna lill-akkużati sabiex iħallsu l-ispejjeż li għandhom x’jaqsmu mal-ħatra tal-esperti.

Rat illi waqt is-seduta tas-27 ta’ Frar 2024 l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oġġezzjoni li l-każ jinstema` u jiġi deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament u rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-każ;

Rat illi waqt is-seduta tat-28 ta’ Ġunju 2023 Ahmed Yassine kien deher quddiem din il-Qorti diversament presjeduta u irrinunzja għal dak kollu rinunzjabbli f’din il-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkonsidrat;**

**PS640 Silvan Camilleri** xehed illi fil-25 ta’ Novembru 2022 għall-ħabta tas-sitta u nofs ta’ filgħaxija kien ġie nfurmat mill-*control room* li kien hemm persuna tgħajjat f’nofs it-triq, fi Triq il-Kbira San Ġuzepp, u kien mar fuq il-post flimkien mal-kollegi tiegħu. Spjega li meta waslu huwa kien innota żewġ persuni bil-pulizija tal-komunita ħdejhom, u kien hemm persuna oħra ġewwa ħanut fl-istess triq. Fil-ħin li wasal hu ma kien hemm l-ebda ġlied, u huwa kien kellem lill-imputati u ħa l-verżjoni tagħhom, Kien mar ikellem ukoll lil persuna li kienet fil-ħanut, li kien qiegħed mal-art, iżda dan ma kienx f’kundizzjoni li jkellmu u għalhekk kienu ċemplu għall-ambulanza u kien ittieħed l-isptar. Sussegwentement kienu

arrestaw lill-imputati, u pruvaw jerġu isibu lil Yassine, u ċioe l-persuna li ttieħdet l-isptar, iżda dan kien diġa telaq mill-isptar u ma sabuhx. Huwa preżenta kopja tal-*Current Incident Report,* li ġie mmarkat bħala Dok SC1 (*fol.* 59 – 62).

**In kontro-eżami** xehed li l-imputati kienu qalulu li l-ġlieda kienet bdiet bejn Yassine u persuna ta' karnaġjon skura, għaliex dan tal-aħħar kien qed jitlob xi flus, u li huma kienu tawh €50 biex jitlaq.

**PC51 Mohammed Ramy Shurrab** xehed illi fil-25 ta' Novembru 2022 għall-ħabta tas-sebgħa nieqsin kwart ta' filgħaxija (18:45) huwa kien miexi mill-għassa tal-Ħamrun lejn l-għassa ta' Santa Venera wara li lesta l-ġurnata tax-xogħol, u fil-viċinanzi ta' 261, Triq il-Kbira San Ġuzepp kien inzerta lil Ahmad Yassine jiġġieled ma' persuna ta' kanraġjon skura. Spjega li l-argument kien jidher li hu dwar xi flus u Yassine kien qed jgħajjar u jhedded lill-persuna l-oħra. Sa dak il-ħin l-argument kien biss verbali, u bejn dawn iż-żewġ persuni. Xi terzi persuni kienu diġa nfurmaw l-għassa tal-Ħamrun, u huwa kien mar biex iwaqqaf l-argument. Wara li l-persuna ta' karnaġġjon skura kien qallu li ma riedx li jittieħdu passi kontra Yassine, huwa kien qallu biex jitlaq biex tikkalma s-sitwazzjoni, iżda Yassine baqa' aggressiv u kien qed jgħajjar lin-nies tal-madwar. Dak il-ħin ħargu l-imputati u qalu li huma kien ħallsu xi flus biex jirrisolvu l-kwistjoni ta' bejn Yassine u l-persuna ta' karnaġġjon skura. Yassine kompla jgħajjar u jikkonfronta lill-imputati u kien aggressiv ħafna magħhom, u huma kien aggressiv lura lejh, iżda dan verbalment. Qal illi Yassine u l-imputati bdew jimbuttaw lil xulxin u hu kien qed jipprova jifridhom. Yassine waqa' mal-bieb tal-ħanut u ġie ġol-ħanut quddiem il-kaxxier, eżatt mal-bieb. Hemmhekk il-ġlieda kompliet xorta waħda, u waqt li hu kien qiegħed fuq Yassine ra lill-imputati jagħtuh bis-sieq, u l-imputati injoraw l-istruzzjonijiet tiegħu biex jieqfu. Meta waqfu, huwa ħareġ warajhom, u peress li dak il-ħin kienu waslu l-pulizija tal-għassa kien ippuntalhom min kien involut fil-ġlieda biex iżommuhom. Lil Yassine kienu ċemplulu ambulanza għax ma kienx konxju u kien jidher li ġarrab ġrieħi gravi. Ix-xhud kien ittieħed il-poliklinika fejn ġie ċċertifikat li ġarrab ġrieħi ħfief. Fuq mistoqsija tal-Qorti qal illi huwa ġarrab dawn il-ġrieħi mhux għaliex l-imputati bdew jagħtuh direttament, iżda li ġarrab dawn il-ġrieħi għaliex kien qed jagħtu lil Yassine waqt li hu kien fuqu.

**In kontro-eżami** ikkonferma li Yassine biex jgħajjar lill-imputati bil-familja billi juża kliem oxxen.

**Dr. Nicole Zerafa** ikkonfermat bil-ġurament tagħha iċ-ċertifikat mediku li jinsab a *fol.* 27 li hija kienet ħarġet wara li eżaminat lil PC51 Mohammed Rami Shurrab. Skont dan iċ-ċertifikat PC51 kien sofra feriti ħfief, salv komplikazzjonijiet.

**Dr. Winston Bartolo** ikkonferma bil-ġurament tiegħu iċ-ċertifikat mediku a *fol* 28 li huwa kien ħareġ wara li kien eżamina lil Ahmad Yassine fil-25 ta' Novembru 2022. Yassine kellu ġrieħi gravi, li kien jikkonsistu f'tbenġil fuq in-naħa ta' fuq ta' rasu, grif u tbenġil fuq in-naħa ta' xellug ta' sidru u ksur tas-sitt kustilja.

**In kontro-eżami** xehed li Yassine kien qallu li kien involut fi ġlieda u li kienu daruh xi nies, u t-tbenġil li kellu fuq rasu u f'sidru jindika li kien hemm daqqiet *blunt* li huma kompatibbli ma' daqqiet ta' ponn jew "daqqiet ta' blunt injuries fuq il-ġisem tiegħu."

**L-Ispettur Elisia Scicluna** xehdet li fil-25 ta' Novembru 2022 għall-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (19:30) kienet ġiet infurmata mill-pulizija tal-għassa tal-Ħamrun li PC51 Mohammed Ramy Shurrak kien ġie mweġġa waqt li prova jferraq ġlieda fi Triq il-Kbira San Ġużepp. Hija kienet tkellmet ma' PC51 li kien qalilha li waqt li kien għaddej mit-triq imsemmija huwa kien ra argument bejn bosta individwi u kien prova jferraq dan l-argument u huwa kien weġġa waqt li kien qed jipprova jipproteġi lill-individwu li kien waqa' mal-art u kien qiegħed jissawwat. Hija kienet għalhekk talbet il-ħruġ ta' mandat t'arrest, li kien ġie akkordat mill-Maġistrat tal-Għassa. Dawn il-mandati ġew preżentati lill-imputati għaliex huma stess kienu preżentaw ruħhom l-għassa, kienet ittieħdet stqarrija mingħandhom u sussegwentement tressqu l-Qorti taħt arrest.

**In kontro-eżami** xehdet li meta kienet tkellmet ma' PC51 dwar l-inċident hu kien speċifikalha li involuti fl-inċident kien hemm Ahmed Yassine u persuna ta' kanraġġjon skura. Ikkonfermat li l-imputati kienu ikkoperaw u kienu anke ħaduha fil-ħanut tagħhom biex tara l-*footage* tal-*cameras* li kellhom li minkejja li ma kienx juri l-ġlieda, kien jidher li f'xi ħinijiet l-imputati kienu saħansitra qiegħdin barra jpejpu sigarett bil-kwiet u għalhekk ma kienx jirriżulta l-ġenn tan-nies jixtru li semmew l-imputati.

**Ahmed Yassine** iddikjara li huwa ma riedx jixhed kontra l-imputati u li minn dakinhar tal-inċident huwa qatt ma reġa rahom jew kellimhom.

**L-Assistent Reġistratur** tal-Qrati u Tribunali Kriminali preżentat sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Abd Uarahman Alghaze deċiża fit-30 ta' Mejju 2018, li minnha ma kienx sar appell, u dokument li juri li l-multa imposta mill-Qorti kienet tħallset, immarkati bħala Dok SCT1, u sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija bs Abd Uarahman Alghaze deċiża fit-18 ta' Ottubru 2017, li minnha ma kienx sar appell, u dokument li juri li l-multa imposta mill-Qorti kienet tħallset, immarkati bħala Dok SCT2.

**L-imputat Abd Uarahman Alghaze** xehed illi huwa għandu ħanut tal-ħwejjeġ fi Triq il-Kbira San Ġuzepp u li fil-25 ta' Novembru 2022 kien hemm żewġ persuni qed jiġġieldu barra l-ħanut. Spjega li dakinhar kien *Black Friday* u kien hemm in-nies fil-ħanut. Meta huwa semgħa l-għajjat ħareġ halli jara x'ġara u kien staqsihom għalfejn kienu qed jiġġieldu. Wieħed minnhom irrispondih li kien ried €50 mingħand il-persuna l-oħra. Qal li biex jeħles minnhom peress li kellu n-nies fil-ħanut kien qabad €50 u ta lil dik il-persuna, iżda dawn it-tnejn xorta komplew jiġġieldu bejniethom u meta kienu waslu l-pulizija kienu ħasbu li qed jiġġieled magħhom hu. Qal li hu ma kienx jaf lil persuni li kienu qed jiġġieldu u li huwa fl-ebda ħin ma kkonfronta lill-pulizija. Qal ukoll li hu kien ta aċċess għall-*cameras* tiegħu lill-pulizija, iżda dawn ma jagħtux għat-triq kollha.

**In kontro-eżami** ikkonferma li x'ħin wasal il-pulizija il-persuna li kien tah il-€50 kien diġa telaq minn fuq il-post. Qal li Yassine beda jsaqsih għalfejn kien ta €50 li dik il-persuna u beda jgħajjat u neża l-qmis. Dak il-ħin wasal pulizija, qabdu lil Yassine u daħħlu fil-ħanut, iżda kif il-pulizija ġibed lil Yassine ġol-ħanut huma tfixklu fuq it-tarġa tal-ħanut u waqgħu mal-art, u ħasbu li kien waqqgħahom hu. Innega li hu kien mar isawwat lil Yassine, u qal ukoll li ma rax lil ħuh jagħti xi daqqiet lil Yassine lanqas.

**L-imputat Ahmad Alghazi** xehed li l-25 ta' Novembru 2022 kien *Black Friday* u l-ħanut kien mimli nies. Qal li kien beda jinstema` xi għajjat ġej minn barra u n-nies bdew iħossuhom imbeżża. Ħuh ħareġ l-ewwel biex jara x'ġara u mbagħad ħarġu t-tnejn li huma. Spjega li kien hemm ġlieda bejn ċertu Yassine u persuna oħra li kien qed jgħajjtu bis-saħħa ma' xulxin, u ġie bil-ġirja l-pulizija u daħħal lil Yassine fil-ħanut ta' ħdejhom. Qal li dak il-ħin il-pulizija u Yassine waqgħu fit-tarġa tal-ħanut u wara dan ġew il-kumplament tal-pulizija. Innega li f'xi ħin hu jew ħuh sawwtu lill-pulizija, u qal li huma riedu biss isolvu l-problema u li li kieku ma kienx hekk lanqas kienu joħorġu mill-ħanut. Qal ukoll li Yassine kien xurban u kien qed jirreżisti lill-pulizija, u li wara li daħħluh fil-ħanut l-ieħor hu u ħuh daħlu fil-ħanut tagħhom u ma baqgħux iktar involuti fil-kwistjoni. Il-pulizija kienu mbagħad ħadu d-dettalji ta' kulħadd u sussegwentement kienu ċemplulhom biex imorru l-għassa, ordni li huma kienu obdew. Qal li huma kienu urew lill-pulizija il-*cameras* iżda peress li l-inċident ma kienx jidher sew fil-*cameras* il-*footage* ma kienx ittieħed mill-pulizija.

**In kontro-eżami** xehed li meta ħareġ jara x'ġara wara li semgħa l-għajjat, il-ġlieda kienet bejn ċertu Yassine u persuna ta' karnaġġjon skura. Kjarifika li lil Yassine jaf x'jismu għaliex kienu semmewh il-pulizija. Ikkonferma li fil-bidu l-argument kien biss verbali. Qal li meta wasal l-ewwel pulizija il-persuna ta' karnaġġjon skura kien diġà telaq minn fuq il-post għaliex kienu tawh €50. Dak il-ħin Yassine beda jikkonfrontahom għaliex kien ħallsuh dawn il-flus, u l-pulizija kien daħħal lil Yassine f'ħanut ieħor. Innega li f'xi ħin huwa ta xi daqqiet lil Yassine jew lill-pulizija, jew li ra lil xi ħadd jagħmel hekk, u qal li hu u ħuh mill-ewwel daħlu fil-ħanut tagħhom hekk kif il-pulizija daħħal lil Yassine f'ħanut ieħor.

**Ikkonsidrat;**

Din il-kawża tirrigwarda ġlieda li kienet seħħet fil-25 ta' Novembru 2022 fi Triq il-Kbira San Ġużepp, il-Ħamrun. Il-verżjoni tal-prosekuzzjoni hija li ċertu Ahmed Yassine kien qiegħed jiġġieled verbalment ma' terza persuna li ma ġiex identifikat f'dawn il-proċeduri, mbagħad instiga ġlieda verbali mal-imputati li ddeġenerat fi ġlieda fiżika, waqt liema Yassine waqa` mal-art u l-imputati bdew jagħtuh bis-sieq b'konsegwenza ta' liema sofra ġrieħi ġravi, filwaqt illi PC51 Mohammed Ramy Mohammed Shurrab sofra ġrieħi ħfief minħabba li kien qiegħed bejn Yassine u l-imputati jipprova jwaqqaf il-ġlieda. Peress li sakemm waslu l-uffiċjali tal-pulizija l-oħra fuq il-post, il-ġlieda kienet laħqet intemmet, ix-xhud prinċipali tal-prosekuzzjoni huwa proprju PC51 peress li hu biss kien preżenti waqt li l-ġlieda kienet qed iseħħ.

Minn naħa tagħhom l-imputati, li għażlu li jixhdu f'dawn il-proċeduri, jikkontendu li meta nqalgħet ġlieda bejn Ahmed Yassine u l-persuna mhux identifikata, huma kienu pruvaw iwaqqfu din il-ġlieda billi jagħtu lil dan tal-aħħar il-flus li kien qiegħed jitlob mingħand Yassine. Skont l-imputati, peress li dakinhar kien Black Friday huma kellhom klijentela sostanzjali u ma ridux li n-negozju tagħhom jiġi sfrattat għaliex il-klijenti jiġu mbeżża mill-għajjat li kien hemm barra. L-imputati jsostnu li Yassine kien beda joffendihom bil-familja tagħhom għaliex kien taw il-flus li din it-terza persuna iżda jinnegaw li huma kienu nvoluti f'xi ġlieda fiżika ma' Yassine. Skont l-imputati Yassine u PC51 Mohammed Ramy Mohammed Shurrab sofrew

ġrieħi meta PC51 kien qiegħed jipprova jdaħħal lil Yassine fil-ħanut ta' maġenb tagħhom, għaliex tfixxklu fl-għatba tal-bieb u waqgħu.

Il-Qorti għandha quddiema għalhekk żewġ verżjonijiet konfliġġenti tad-dinamika tal-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri u r-rwol tal-imputati fih. Dan ma jfissirx però li l-Qorti għandha allura awtomatikament tillibera lill-imputati mill-akkużi dedotti kontra tagħhom. Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Mejju 1997:

> "*It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one*."

Fuq l-istess materja, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorn** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, ġie spjegat illi:

> "...mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għal liberazzjoni tal-persuna akkużata. Imma l-Qorti f'każ ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annunċjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal għal konklużjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx" (ara wkoll Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino 19 t' Ottubru 2006)."

Relevanti wkoll dak li ngħad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Debono** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Settembru 2021, u ċioe:

> "Artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita', din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ppruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-Artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu l-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat. Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss."

L-imputati f'dan il-każ kienu rrilaxxaw stqarrija *a tempo vergine* u wkoll għażlu li jixhdu quddiem din il-Qorti. Wara li eżaminat il-verżjonijiet mogħtija mill-imputati, il-Qorti rat li hemm numru ta' inkonsistenzi f'dak li qalu l-imputati, b'mod partikolari:

i. Fl-istqarrija rilaxxata minnhom iż-żewġ imputati qalu li l-ġlieda bejn Yassine Ahmad u l-persuna mhux identifikata kienet waħda fiżika. Abd Uarahman Alghaze qal illi Yassine kien qiegħed "…jimbotta lill-iswed, jaqbdu minn wiċċu u jimbuttah" u li anke meta wasal PC51 huwa

"…beda jagħti u jgħajjat lill-iswed" filwaqt li Ahmad Alghazi qal illi "…ħija għax ra lil dak li beda jgħati lil ta' ġilda skura u saqsa għaliex beda jsawwtu...." Pero, fix-xhieda tagħhom quddiem din il-Qorti iż-żewġ imputati qalu li l-ġlieda bejn Yassine u l-persuna l-oħra kienet verbali biss. F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva li fix-xhieda tiegħu PC51 xehed illi l-ġlieda bejn Yassine u l-persuna mhux identifikata kienet verbali biss.

ii. Fl-istqarrija rilaxxata minnu, Abd Uarahman Alghaze qal illi huwa ta €50 lill-persuna mhux identifikata waqt li kien hemm PC51 preżenti. Din il-verżjoni hija kontradetta minn ħuh, l-imputat l-ieħor Ahmad Alghazi li qal li PC51 kien wasal fuq il-post wara li ħuh kien ta €50 lill-persuna mhux identifikata. Barra minn hekk, Abd Uarahman Alghaze stess ikkontradiċa lilu nnifsu għaliex waqt id-deposizzjoni tiegħu in kontro-eżami mhux talli qal li huwa ta din il-€50 lill-persuna mhux identifikata qabel ma wasal PC51 iżda talli li dan il-persuna kien leħaq telaq minn fuq il-post meta wasal PC51. Il-Qorti tosserva li l-verżjoni ta' Ahmad Alghazi taqbel ma' dik ta' PC51, li xehed li waqt li kien hemm hu ma ra l-ebda flus jingħataw mill-imputati lill-persuna mhux identifikata, u li waqt li kien qiegħed jipprova jikkalma s-sitwazzjoni bejn Yassine u l-persuna mhux identifikata l-imputati kien ħarġu u qalulu li kienu tawh xi flus biex jitlaq. Inoltre, l-fatt li l-persuna mhux identifikata kien għadu fuq il-post meta wasal PC51, a kuntrarju ta' dak sostnut minn Abd Uarahman Alghaze ġie kkonfermat minn Ahmad Alghazi.

iii. Abd Uarahman Alghaze qal fl-istqarrija tiegħu li kien biss Yassine li waqa' mal-art. Quddiem din il-Qorti pero xehed li kemm Yassine kif ukoll PC51 kienu waqgħu. Minn naħa tiegħu Ahmad Alghaze kien qal fl-istqarrija rilaxxata minnu li qabel ma daħal ġewwa huwa kien ra biss lil PC51 jżomm lil Yassine. Quddiem din il-Qorti pero qal li huwa kien ra lil Yassine u PC51 jitfixklu fl-għatba tal-biex u jaqgħu.

Il-Qorti tkompli billi tosserva li l-verżjoni tal-imputati, u ċioe li Yassine u PC51 sofrew ġrieħi biss għaliex tfixklu fl-għatba tal-bieb u waqgħu mhijiex kompatibbli mal-ġrieħi li sofrew, kif ċertifikati mit-tobba, u li anzi dawn il-ġrieħi jkomplu jikkonfermaw il-verżjoni mogħtija minn PC51. F'dan ir-rigward il-Qorti tibda billi tirrileva li huwa żbaljat l-argument imressaq mid-difiża li ċ-ċertifikat mediku rilaxxat fir-rigward ta' Yassine għandu jiġi sfilzat għaliex Yassine ma xehedx u allura dan iċ-ċertifikat jammonta għal *hear say.* Apparti l-fatt li l-ebda talba f'dan is-sens ma ġiet imressqa quddiem il-Qorti fil-mori tal-kawża, m'hemm l-ebda dubbju li l-fatt li ma xehedx Yassine ma jfissirx li ċ-ċertifikat mediku relattiv huwa *hearsay.* Dan iċ-ċertifikat mediku ma inħariġx minn Yassine innifsu iżda minn Dr. Winston Bartolo, li kkonfermah bil-ġurament tiegħu waqt is-smigħ tas-26 ta' April 2024. Il-fatti kontenuti fih ma jiddependux mix-xhieda ta' Yassine, għaliex huma kostatazzjonijiet ta' natura mediko-legali magħmula personalment minn Dr. Winston Bartolo u kkonfermati bil-ġurament tiegħu quddiem din il-Qorti.

Il-Qorti rat li fix-xhieda tiegħu Dr. Winston Bartolo ikkonferma li Yassine kellu tbenġil fuq in-naħa ta' fuq ta' rasu. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan jimmilita kontra t-

teżi tad-difiża u jikkorobora t-teżi tal-prosekuzzjoni. Kieku Yassine kien sofra ġrieħi sempliċiment għaliex waqa` kif tikkontendi d-difiża, huwa inverosimili li kien ikollu ġrieħi fuq in-naħa ta' fuq ta' rasu. Il-fatt li Yassine kellu ġrieħi fuq in-naħa ta' fuq ta' rasu huwa aktar kompatibbli ma' daqqiet li huwa sofra wara li waqa' mal-art, u filfatt it-tabib stess xehed li l-ġrieħi li huwa kkonstata fuq Yassine huma kompatibbli ma' daqqiet.

Il-Qorti tinnota wkoll li fiċ-ċertifikat mediku rilaxxat minn Dr. Nicole Zerafa ġie indikat li PC51 sofra ġrieħi fuq in-naħa ta' wara tal-għaksa (*posterior right ankle*). Dan mhuwiex kompatibbli ma sempliċi waqa' fiċ-ċirkostanzi tal-każ, peress illi mix-xhieda dwar l-inċident il-Qorti tifhem li PC51 waqa` il-quddiem u ġie fuq Yassine wiċċu l-isfel. Dan ikkonsidrat li PC51 xehed li waqt li kien qiegħed fuq Yassine mal-art kellu jħares lura sabiex jara lill-imputati jagħtu lil Yassine bis-sieq. Għalhekk ma jidhirx verosimili li PC51 b'xi mod ħabat in-naħa ta' wara ta' saqajh bil-waqa', u dawn il-ġrieħi fil-fehma tal-Qorti huma iktar kompatibbli ma' ġrieħi sofferti meta l-imputati laqtugħ waqt li kienu qed jaggredixxu lil Yassine. Fir-rigward tas-sottomissjonijiet tad-difiża li PC51 qal illi huwa sofra ġrieħi għax waqa' mhux minħabba l-aġir vjolenti tal-imputati, il-Qorti tosserva li din is-sottomissjoni m'għandhiex mis-sewwa għaliex PC51 espressament xehed, wara li ġie mistoqsi mill-Qorti dwar jekk huwa weġġħax biss għax waqa, 'Le, mhux għax waqajt ġarrabt il-ġrieħi, għax kienu qed ituh minn fuqi."

Fid-dawl ta' dan kollu, l-Qorti hija tal-fehma li l-Prosekuzzjoni pruvat lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni l-ewwel imputazzjoni, u cioe li Ahmad Yassine sofra il-ġrieħi indikati fl-atti mhux għaliex waqa`, kif jikkontendu l-imputati, iżda għaliex meta waqa` l-intimati komplew iħebbu għalih u jagħtuh bis-sieq. Miċ-ċertifikat mediku msemmi aktar il-fuq jirriżulta li Yassine sofra ksur fil-kustilji, liema ksur ġie klassifikat bħala gravi mit-tabib li ħareġ iċ-ċertifikat. Din il-Qorti m'għandha l-ebda raġuni tajba sabiex tiddubita din il-klassifikazzjoni minn naħa tat-tabib, ikkonsidrat illi ladarba Yassine sofra ksur ta' għadam allura l-ġrieħi li sofra huma gravi per durata ai termini tal-artikolu 216(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali.

Fir-rigward tat-tieni u t-tielet imputazzjoni, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Lawrence Attard** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Settembru 1996 fejn ġie spjegat hekk:

> "Biex jissussisti r-reat ikkontemplat fl-Artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali jrid ikun hemm mhux biss attakk jew oppożizzjoni ossia reżistenza kontra persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, iżda wkoll li dana l-attakk jew reżistenza isir bi vjolenza jew b'ħebb u jsir waqt li dik il-persuna tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorita' kompeteni. Meta uffiċjal tal-Pulizija jintima li jkun ser jarresta lil xi ħadd, jew ikun effettivament qed jipproċedi biex jarresta lil xi ħadd, jew ikun ġa' arresta u qed iżomm lil xi ħadd arrestat, huwa jkun ċertament qiegħed jesegwixxi l-liġi. Iżda meta uffiċjal tal-Pulizija jkun qiegħed jipprova jipperswadi lil xi ħadd bil-kelma t-tajba sabiex iwarrab minn fuq il-post u għalhekk mingħajr ma dak il-Pulizija jeżerċita s-setgħa tiegħu li jarresta, ma jistax jingħad li dak il-Pulizija jkun qed jaġixxi "għall-esekuzzjoni tal-ligi" fis-sens ta' l-Artikolu 96, għalkemm huwa jkun qiegħed jagħmel is-servizz pubbliku tieghu fis-sens tal-Artikolu 95."

Mill-provi prodotti quddiem din il-Qorti, ir-reat kontemplat fl-artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali ma jirriżultax, u dan billi ma jidhirx li PC51 sofra l-ġrieħi li sofra għaliex l-imputati attakkaw jew irresistew bil-vjolenza lil PC51 waqt li kien qiegħed jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorita kompetenti. Mill-provi jirriżulta, u dan xehdu PC51 stess, li huwa ndarab b'mod ħafif waqt li l-imputati kienu qed jagredixxu lil Yassine peress li kien qiegħed f'nofshom. Għalhekk it-tielet imputazzjoni ma tirriżultax. B'dana pero illi t-tieni imputazzjoni hija suffiċjentement pruvata, ikkonsidrat li jirriżulta ampjament li PC51 ndarab għaliex kien bejn l-imputati u Yassine, l-ewwel biex iwaqqaf il-ġlieda imbagħad biex jipproteġi lil Yassine mill-aggressjoni tal-imputati.

Dwar ir-raba` imputazzjoni li tirrigward l-ġrieħi ħfief sofferti minn PC 51, il-Qorti tqis li peress li PC51 stess xehed illi huwa sofra l-ġrieħi li sofra mhux għaliex l-imputati ħebbew għalih, iżda għaliex intlaqat waqt li kien fuq Yassine, il-Qorti tqis li l-imputati ma jistgħux jinstabu ħatja li volontarjament ikkawżaw ġrieħi ħfief lil PC51. Detto dan, il-Qorti tqis li l-imputati jistgħu u għandhom jiġu misjuba ħatja tar-reat involut u kompriż ta' offiża involontarja kontra l-istess PC51, fid-dawl tan-non-kuranza assoluta li urew lejn l-inkolumita ta' PC51 meta komplew jaggredixxu lil Yassine waqt li PC51 kien qiegħed f'nofshom minkejja li setgħu faċilment jipprevedu li setgħu iweġġgħu` lil PC51 ukoll.

Fir-rigward tal-ħames imputazzjoni il-Qorti tqis li m'hemm l-ebda dubbju li l-imputati kisru l-bon ordni u l-paċi pubblika. Dan tant illi d-difiża stess issottomettiet waqt it-trattazzjoni finali illi din l-imputazzjoni kontravenzzjonali tissussisti għaliex id-difiża mhux qed tikkontesta li kien hemm għajjat u tgħajjir minn naħa tal-imputati waqt l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-piena.**

Għal dak li jirrigwarda l-piena il-Qorti tqis li huwa ferm relevanti li mill-provi jirriżulta ampjament li l-ġlieda ġiet instigata minn Yassine, li apparti li instiga ġlieda mal-persuna mhux identifikata, wara li dan tal-aħħar telaq minflok telaq hu wkoll, beda jgħajjar lill-imputati u joffendihom bil-familja tagħhom għaliex kien iddejjaq li l-imputati kienu pruvaw isolvu l-kwistjoni bejnu u l-persuna l-oħra. Illi pero, ma jistgħax jintnesa` lanqas li l-imputati komplew jaggredixxu fiżikament lil Yassine anke meta dan kien mal-art u allura f'posizzjoni vulnerabbli, u waqt li ma kienx qiegħed jattakahom. Jidher li fir-rabja li kellhom dak il-ħin l-imputati lanqas biss ikkalkulaw li kienu qed iweġġgħu` wkoll lil PC51, li kien qiegħed jipprova jiddefendi lil Yassine mid-daqqiet li kienu qed jagħtuh l-imputati. Il-Qorti tqis illi huwa deplorabbli li l-imputati kienu qed isawtu persuna li kienet tinstab mixħuta mal-art u midruba, u agħar minn hekk li weġġgħu` uffiċjal tal-pulizija waqt li kien qiegħed jipprova jżomm l-ordni u jipproteġi persuna milli tkompli tiġi aggredita.

Wara li rat iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ pero l-Qorti tqis li piena karċerarja effettiva mhijiex idoneja fiċ-ċirkostanzi, u tqis illi jkun ferm aktar ġust u utli li l-imputati jitpoġġew taħt Ordni ta' Probation. Dan ikkonsidrat is-segwenti:

i. Mill-provi ma jirriżultax li l-imputati huma propensi għal ħajja ta' kriminalita jew għall-użu ta' vjolenza. Ahmad Alghazi għandu fedina

penali netta filwaqt li l-fedina penali ta' Abd Uarahman Alghaze turi li din hija l-ewwel darba li qiegħed jinstab ħati f'każ ta' din in-natura. Il-kundanni fuq il-fedina penali tiegħu kollha jitrattaw nuqqasijiet ta' tħaris tar-regolamenti relatati mas-saħħa u sigurta fuq il-xogħol, u ma juru l-ebda propensita għall-vjolenza. Dan apparti illi l-aħħar kundanna tmur lura għas-sena 2018. Għalhekk mill-provi jidher li dan kien każ ta' darba, b'mod illi minflok piena karċerarja effettiva ikun iktar utli għall-imputati u għas-soċjeta li l-imputati jiġu segwiti minn uffiċjal tal-probation biex jiġi żgurat li incident bħal dan ma jerġax jirrepeti ruħu.

ii. L-imputati rraportaw l-għassa minn jeddhom wara li ġew mitluba jattendu, ikkoperaw mal-pulizija u anke tawhom aċċess għac-CCTV tal-ħanut tagħhom, u dan anke kif iddikjarat mill-Uffiċjal Prosekutur stess. L-imputati inoltre attendew għas-seduti tal-Qorti kif meħtieġa u ġabu ruħhom b'mod xieraq kull darba, u osservaw il-kondizzjonijiet kollha li ġew impost fid-digriet permezz ta' liema ingħataw il-ħarsien mill-arrest. Dan jagħti lil din il-Qorti serħan tal-moħħ li l-imputati ser jikkonformaw ruħhom mal-Ordni ta' Probation u d-direzzjonijiet leġittimi li jistgħu jiġu mogħtija lilhom mill-Uffiċjal inkarigat.

iii. Il-vittma Yassine Ahmed iddikjara li qed jaħfer lill-imputati quddiem din il-Qorti diversament presjeduta. Għalkemm l-ebda waħda mill-imputazzjonijiet kontra l-imputati ma kienet rinunzjabbli minnu, din il-maħfra hija xorta waħda relevanti għal finijiet tal-kalibrazzjoni tal-piena.

Oltre l-Ordni ta' Probation, il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi l-imputati għandhom wkoll jiġu kkundannati għall-ħlas ta' multa stabbilita fl-artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali għall-offiża li kkaġunaw lil PC51. Fil-fehma ta' din il-Qorti din il-multa m'għandhiex tiġi mposta fil-minimu tagħha sabiex tirrifletti l-gravita taċ-ċirkostanzi li wasslu lil PC51 isofri ġrieħi, u ċioe li l-fatt li PC51 indarab mill-imputati waqt li kien qiegħed jipprova jipproteġi mill-imputati lil persuna li kienet tinstab mixħuta mal-art biex dan ma jkomplix jindarab. Lanqas pero m'għandha tiġi mposta fil-massimu tagħha ikkonsidrat li l-ġrieħi sofferti minn PC51 huwa pjuttost minimi, u ċioe "*mild tenderness to palpation*" u "*linear abrasion*" fuq difer.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 50, 95, 96(a), 214, 216(1)(d), 221, 226(1)(c), 338(dd), u 339(1)(d), tillibera lill-imputati mit-tielet imputazzjoni, issibhom ħatja tal-ewwel, it-tieni, il-ħames u s-sitt imputazzjoni, u wkoll tar-raba' imputazzjoni iżda dan limitatament talli b'nuqqas ta' ħsieb jew bi traskuraġni ikkaġunaw ħsara ta' natura ħafifa fil-ġisem jew fis-saħħa ta' PC51 Mohammed Ramy Mohammed Shurrab, u bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tpoggi lil Abd Uarahman Alghaze taħt Ordni ta' Probation għal żmien ta' tlett snin u lil Ahmad Alghazi għal żmien sentejn, u inoltre tikkundannahom għal ħlas ta' multa ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) kull wieħed.

Ai termini tal-artikolu 7(6) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputati il-portata tal-Ordni ta' Probation u l-konsegwenza legali li jistgħu jaffaċjaw jekk jonqsu milli jikkonformaw ruħhom mal-ordni jew jagħmlu xi reat ieħor fiż-żmien operattiv tiegħu.

In vista tal-fatt li ma ġewx maħtura esperti f'dan il-każ, din il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali. Il-Qorti qed tasjteni wkoll milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni magħmula taħt l-artikolu 412C u 382A tal-Kodiċi Kriminali, peress li ma tirriżulta l-ebda ġustifikazzjoni għall-ħruġ ta' tali ordinijiet.

Il-Qorti tordna, ai termini ta' l-Artikolu 392A (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-Avukat Ġenerali tingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol.

Ann Marie Thake
Maġistrat

Ylenia Spiteri
Deputat Reġistratur